KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**15/18**

**Minuti tal-ħmistax (15) il-Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012 (Is-Seba' Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar t-Tlieta, 20 ta' Marzu 2012 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati:** | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier – (rikoverat) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier –(bl-ittre xogħol) |

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

**Aġenda:** **Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali**

**1 Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali**

1.1 Is-Sur Horace J Anastasi beda l-laqgħa b'talba u dlonk, ta rendikont dwar l-Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

1.2 Is-Sindku stqarr li xi xahar ilu ddeċieda li jikteb lill-Onor. Ministru Dott. Chris Said dwar it-tbatijiet lill-Vendrini speċjalment, l-Anzjani qed ikollhom jgħaddu minnhom minħabba li jkollhom jinżlu l-Ħamrun u minħabba li l-istess bini la kien aċċessibbli u lanqas jixraq lil ħadd biex jidħol fih; taraġ ikrah/garigor.

1.3 Huwa saħaq mal-Ministru li l-Vendrini jixirqilhom ħafna aħjar u li, għad lill-Bini Amministrattiv preżenti, mhuwiex aċċessibbli xorta waħda li għal min għandu bżonnijiet speċjali, jkunu ħafna moqdijien aħjar milli huma issa.

1.4 Sadanittant il-*Permanent Secretary* tad-Dipartiment indikat ikkuntattja lis-Sindku u staqsih jekk hux se jaċċetta li l-Vendrini jinqdew mill-Kunsill għal darba/darbtejn f'ġimgħa, filgħodu u, s-Sindku aċċettaha mill-ewwel. Is-Sur Frans Borg spjega lis-Sindku li qabel ma' Kunsill jiġi aċċettat iridu jiċċekkjaw jekk il-Kompjuters tal-Kunsill humiex kompatibbli mas-sistema tagħhom u jekk kienx hemm fejn Skrivan jaħdem u, jaħdem tajjeb.

1.5 Is-Sindku ried jinforma lill-Kunsillieri sħabu u dlonk, immejljahom biex iħaffef il-proċess.

1.6 Is-Sur Anastasi informa lill-Kunsillieri preżenti li l-Ħamis, 22 ta' Marzu, 2012, li kien ser jiltaqa' ma' uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali biex jiddiskutu din il-proposta.

1.7 Is-Sur Stephen Sultana stqarr li huwa kien oġġezzjona biss għax xtaq li tkun diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill.

1.8 Is Sur Sultana qal li d-dipartment tas-Sigurta' Soċjali qiegħed jaqbad il-kunsilli li qegħdin fil-periferija u qed jagħmel kuntatt magħhom.

1.9 Is-Sur Anastasi sostna li kien talab il-Ministru qabel mal-Ministru ppubblika stqarrija lill-midja. Is-Sindku żied jirrimarka li ma jfisssirx lill-Ministru ma kenitx diġa' f'moħħu.

1.10 Is-Sur Sultana qabel mas-Sindku li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mhuwiex aċċessibbli u, tal-Ministeru mhux se jaċċettaw li jużawh. Dal-Kunsillier ippropona d-*Day Centre*. Is-Sur Sultana qal li l-Kuntratt tad-*Day Centre* ser jiskadi. Żied jgħid li qed inħallsu tat-trasport, tal-kirja, u hemm bżonn li nsibu ġurnata jew tnejn minnhom mill-ħamest ijiem tal-ġimgħa biex jintuża għas-Sigurta' Soċjali.

1.11 Is-Sur Anastasi qal li hu kien diġa' ħaseb fuq iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani iżda, minħabba l-kuntratt li hemm bejn il-Kunsill u d-Dipartiment dan ma setax iseħħ u, żied lis-Sur Sultana kien jaf x'fih il-Kuntratt u lid-Dipartiment ma setax joffrih lil ħadd għax matul il-jum ikun hemm l-anzjani. Is-Sindku saħaq li lanqas kien ġust li l-anzjani jiċċaħħdu milli jattendu fl-imsemmi Ċentru biex jinżamm bħala Uffiċċju għas-Sigurta' Soċjali għal darbtejn f'ġimgħa.

1.12 Is-Sur Edwin Formosa ssuġġerixxa li dan iċ-Ċentru jintuża wara nofsinhar.

1.13 Is-Sur Anastasi qal li d-Dipartment tas-Sigurta' Soċjali ma jiftħux għall-Anzjani wara nofsinhar. Huwa żied jgħid lill-Kunsill ilu xhur sħaħ jistenna d-devoluzzjoni tal-Aġenzija taż-Żgħażagħ u kompla jirrimarka li jekk tiġi devoluta ikun ħafna aħjar għall-Vendrini għax minn Bini Amministrattiv mhux aċċessibbli jmorru għal wieħed aċċessibbli u, aktar xieraq.

1.14 Is–Sur Formosa qal li jistgħu jużaw dik il-parti ta' fejn ikun hemm l-irġiel u tingħalaq dik il-parti biex jiffrankaw it-taraġ.

1.15 Is-Sindku rrimarka li kien jidher lis-Sur Formosa ilu żmien ma jersaq lejn l-imsemmi Ċentru għax dik il-parti msemmija hija l-uffiċċju tas-Sinj. Sacco, l-Uffiċjal nkarigat mill-post.

1.16 Is-Sur Anastasi kompla jsaqsi lis-Sur Formosa jekk marx il-Ħamrun u ra t-taraġ li hemm fl-Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali li, rrefera għalih bħala perikolouż, gorboġ u tal-mistħija u, li mhux talli ma jitlax dak li juża s-siġġu tar-roti iżda, ħafna aktar nies ma jitilgħux dak it-taraġ jew ibatu ħafna biex jitilgħuh.

1.17 Is-Sindku sostna li għad li l-Uffiċċju Amministrattiv għandu kemm-il tarġa l-ambjent li jinsab fih huwa formidabbli. Huwa semma wkoll li kemm is-Sur Formosa kif ukoll, is-Sur Charles Camilleri għaddew minn operazzjoni maġġura u għalhekk ipprova kemm-il darba jżomm il-laqgħat fil-pjan terran biex itaffilhom ftit.

1.18 Is-Sinj Mariella Micallef qalet li l-ebda laqgħa ma tinżamm f'Ċentru ta' matul il-jum għall-Anzjani waqt il-ħin iddedikat għall-Anzjani li jattendu fih.

1.19 Is-Sinj. Micallef irrimarkat li hi taħdem f'wieħed minn dawn iċ-Ċentri u l-post huwa tal-Kunsill u jħallas kollox hu u, xorta l-Kunsill ma jista' jżomm l-ebda attivita' f'dawk il-ħinijiet indikati. Hi qalet li l-Kunsill ta' Santa Venera jħallas Lm10 kuljum u xorta ma jistax iżomm l-ebda attivita' fil-ħinijiet imsemmija. Hi żiedet li kienet se tastjeni dwar biex il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment taċ-Ċentru Ħidma Soċjali sabiex inkunu nistgħu nużawh.

1.20 Is-Sur Sultana qal li d-Dipartment tas-Sigurta' Socjali mhux se jaċċetta li jintuża l-Bini tal-Kunsill preżenti.

1.21 Is-Sur Ronald Briffa qal li hu jaqbel mas-Sur Sultana li niktbu imma ma jaqbilx miegħu li jekk il-Bini tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mhux accessibbli għal xi ftit, mhu aċċessibbli għal kulħadd.

1.22 Is-Sindku qal li l-lum ser nivvotaw **IVA** jekk lid-Dipartment tas-Sigurta' Soċjali se ngħidulu li se naċċettaw lin-nies ta' Santa Venera jkunu jistgħu jinqdew fil-Kunsill Lokali tagħhom.

1.23 Is-Sindku kompla jirrimarka li l-Aġent Segretarju s-Sinj Louise Gusman, tikteb lid-Dipartment tal-Anzjani ta' matul il-Jum u lill-Aġenzija Żgħażagħ 'il għada stess u li, sakemm jagħtuna l-'***go ahead'***, il-pubbliku jattendi fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

1.24 Is-Sindku qal li huwa spjega dan kollu kemm lil-Ministru Dott. Chris Said u kemm lis-Sur Frans Borg, il-*Permanent Secretary* għax importanti li l-Vendrini jattendu fil-Bini tal-Kunsill u, ma jridx itawwal.

1.25 Is-Sur Sultana ippropona biex niktbu lil-Aġenzija taż-Żgħażagħ ħalli nippruvaw il-post tagħhom ukoll.

1.26 Is-Sindku wieġeb li hu mar fil-bini tal-Aġenzija taż-Żgħażagħ u tkixxef meta se jitilqu iżda, jidher li se jdumu. Huwa stqarr li minbarra l-Aġenzija taż-Żgħażagħ tkixxef fuq post fi Triq Patri Ġwann Azzopardi u li ħaduh għal *Victims' Support*. Huwa sostna li se jibqa' jħuf sakemm fl-aħħar jkollna Bini Amministrattiv aċċessibbli għal kulħadd u jkun f'ambjent li jixraq lil min jaħdem fih u lil dawk kollha li jżuruh.

1.27 Is-Sur Sultana staqsa kemm hu attrezzat il-Kunsill biex nilħqu l-iskop kollu:

a) Għamara tal-uffiċċju,
b) servizz tal-pulizija,
c) x'tip ta' servizzi ser joffri,
d) meta se jkun varat l-programm.

1.28 Is-Sindku qal li aħjar naċċettaw hawnhekk. Huwa żied jgħid li l-Ħamis, 22 ta' Marzu, 2012, fid-9 ta' filgħodu se jiltaqa' mal-Uffiċjali tas-Sigurta' għas-Servizzi Soċjali. Is-Sindku qal li huwa kien ħerqan li bħala Kunsill intaffu ftit sofferenzi lill-Vendrini.

1.29 Is-Sur Sultana reġa' qal li l-post mhux accettabbli u s-Sindku wieġeb li m'għandniex inkunu negattivi.

1.30 Is-Sur Briffa staqsa jekk bħalissa l-*ARMS* jistgħux jitħallsu mill-Kunsill, jekk qed isiru *one stop shops*.

1.31 Is-Sindku wieġeb li meta laħqet l-Aġent Segretarju 'l ġdida nstabu karti oriġinali bit-trab taħt l-iskrivanija u ħafna dokumenti mferrxin ma' kullimkien u mhux f'posthom. Iż-żewġ skrivani qed jippruvaw ilaħħqu ma' kollox - mal-permessi, ċitazzonijiet, man-nies u ma' ħafna aktar xogħol amministrattiv li jrid jinħadem.

1.32 Is-Sindku ippropona li f'dan l-istadju

1. Jaċċettaw li jintuza dan il-Kunsill għas-servizz tal-Vendrini fejn jirrigwardjaw s-Servizzi Soċjali.
2. Li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tikteb lil-Aġenzija taż-Żgħażagħ u lid-Dipartiment tal-Anzjani taċ-Ċentru ta' matul il-Jum.

1.33 Is-Sur Sultana qal li jiggarantixxi li d-Dipartiment mhux ser jaċċetta il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill li ninsabu fih illum.

1.34 Is-Sindku rrimarka lid-Dipartiment taċ-Ċentru għall-Anzjani qatt ma seta' jaċċetta l-imsemmija proposta għax fil-kuntratt hemm speċifikat lill-Kunsill ma setax jobbliga lil taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani biex jgħalquh darbtejn fil-ġimgħa, filgħodu/wara nofsinhar biex iċaħħdu lil xi Anzjani milli jattendu biex tinżamm ħidma/attivita' minn xi ħadd ieħor.

1.35 Is-Sindku sejjaħ għall-Vot:

1 Biex is-servizzi tas-Sigurta' Soċjali jkunu fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera - **Kulħadd qabel**

2 Biex tibbenifika il-Komunita' Vendrina - **Kulħadd qabel.**

3 Rigward il-Post –

**Is-Sinj Micallef astjeniet vis-a-vis li hija impjegata mal-istess Dipartiment tal-Anzjani**

Minkejja dan kollu s-Sur Sultana xorta baqa' jsostni lill-bini tal-Kunsill Lokali ma kienx se jkun aċċettat għax mhux aċċessibbli.

1.36 Il-laqgħa intemmet fis-7.10 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn 18 ta' Ġunju, 2012